MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 185/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur M. Buttigieg)**
**Vs**

**David John Calleja**

**Il-Qorti:**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :**
**1) fit-30 t'April, 2003 ghall-habta tat-8.30 p.m. fix-Xatt ta' tas-Sliema saq il-vettura nru. GRR-888 b'manjiera traskurata;**
**2) b'manjiera perikoluza;**
**3) b'manjiera bla kont;**

**4) saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura nru. GRR-888 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;**
**5) irrifjuta jew naqas milli jaghti skond il-ligi kampjun tan-nifs.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Settembru, 2004, li biha wara li rat l-Artikoli Sec. 15 (1)(a)(2) Chap. 65, Sec. 15A, 15E Chap. 65 u Att nru. V1/1998 sabet lill-imputat hati fuq l-ewwel, it-tieni w it-tielet akkuzi w ikkundannatu ghall-multa ta' hamsin lira Maltin (LM50), ma sabitux hati tar-raba akkuza u minnha lliberatu, izda sabitu hati tal-hames akkuza w ikkundannatu ghall-multa ta' mitejn lira Maltin (LM200) u ordnat is-sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-24 ta' Settembru, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza w mhux hati tar-raba' akkuza, w tirrevoka w thassar is-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati tal-hames akkuza w tilliberah minn kull htija w piena dwar din l-akkuza, u dan taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe' :- 1. li l-Ewwel Qorti ma ghamlitx distinzjoni bejn liema test l-appellant kien irrifjuta li jaghmel u dan stante li rrizulta li l-appellant kien irrifjuta li jaghmel zewg testijiet differenti; li jekk l-Ewwel Qorti sabet htija fl-appellant biss talli rrifjuta li jaghmel ir-*roadside test*, ma setghetx legalment issib lill-appellant hati tar-reat kontemplat fis-subartikolu (4) tal-artikolu 15E tal-Kap.65, ghax il-ligi tiddistingwi bejn kampjun tan-nifs li jista' jintalab li jinghata ghall-finijiet tat-test tan-nifs (Art. 15C) u z-zewg kampjuni li jistghu jintalbu li jinghataw ghall-analisi per mezz ta' strument approvat (art. 15E (1) (a) ). 2. Jekk l-ewwel Qorti sabet htija talli rrifjuta li jaghti z-zewg kampjuni li jistghu jintalbu li jinghataw ghall-fini tal-analizi**

**permezz ta' strument approvat (Art. 15E (1) (a) ), l-Ewwel Qorti ma setghetx issib htija tar-reat kontemplat fis-subartikolu (4) ghaliex l-unika prova kienet ix-xhieda tal-Ispettur Marisa Camilleri li kienet inammissibli w ghalhekk l-appellant ghandu jigi liberat fuq nuqqas ta' prova. 3. Illi subordinatament l-Avviz Legali 366/2002 jipprovdi li l-analizi ta' dawn il-kampjuni tan-nifs trid issir fil-Laboratorju Nazzjonali ta' Malta, Evans Building, Triq Merkanti Valletta . Mentri rrizulta li l-appellant kien gie mitlub jaghti l-kampjuni f' kamra fil-kwartieri Generali tal-Pulizija , li certament ma kienetx tifforma parti mill-Laboratorju Nazzjonali ta' Malta . Konsegwentement it-test li l-Ispettur Camilleri talbet lill-appellant biex jaghmel ma kienx dak it-test li hu prevvist li jsir taht l-artikolu 15E billi ma kienx ser jigi analizzat fil-post stabilit mill-ligi skond l-istess artikolu w ghalhekk l-appellant kellu kull dritt li jirrifjuta li jaghmel dan it-test mhux skond il-ligi. 4. Illi l-ligi tirrikjedi fl-art. 15 E (5) li l-analizi ssir minn analista w ghalkemm il-kampjun jista' jittiehed minn ufficjal tal-Pulizija permezz ta' strument approvat b'ordni tal-Ministru , izda hu biss l-analista li jista' janalizza w jaghti l-opinjoni tieghu dwar ir-rizultat , wara li jkun ghamel l-analizi tieghu fil-laboratorju . Mentri mill-provi rrizulta li kienet ser tkun l-Ispettur Marisa Camilleri , li ma hix analista , li kienet ser taghmel it-test u "tanalizza" r-rizultat minghajr ma taghmel ebda analizi fil-laboratorju kif dettaljat mill-ligi. B'dan il-mod l-appellant kien ser ikun prekluz ukoll milli jressaq bhala prova l-opinjoni ta' l-analista dwar dak it-test skond l-artikolu 15E (5) u kull opinjoni li kienet ser taghti l-Ispettur Camilleri mhux ammissibbli ghaliex tkun gejja minn persuna mhux esperta. Illi ghalhekk ukoll dan it-test li l-appellant intalab li jaghmel ma kienx dak it-test li hu prevvist skond l-artikolu 15E u kwindi l-appellant ma seta' qatt jinstab hati ta' reat taht l-istess artikolu w kellu kull dritt li jirrifjuta li jaghmel dan it-test mhux skond il-ligi;**

**Fliet l-atti kollha processwali ;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat il-verbal tas-seduta tal-14 t' Ottubru, 2004, li bih il-Prosekuzzjoni w Difiza kienu qablu li l-appellant kien irrifjuta li jaghmel it-test kemm *a tempo vergine* meta nqabad fit-triq kif ukoll sussegwentement id-Depot ;**

**Semghet ix-xhieda mil-gdid tal-Ispettur Marisa Camilleri fil-kors tal-udjenza tat-28 t' Ottubru, 2004;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat in-nota tal-Avukat Generali tad-29 t' Ottubru, 2004;**

**Rat in-Nota tal-appellant;**

Ikkonsidrat;

**Illi dan l-appell hu limitat ghas-sejbien ta' htija dwar il-hames imputazzjoni w l-piena li hu inghata ghal din l-akkuza;**

L-Ispettur Marisa Camilleri **xehdet li kienet duty id-Depot meta gabu lill-appellant ghat-test ghall-habta ta' 9.20 pm tat-30 t' April, 2003. Hi tatu it-twissija li ma kienx obbligat li jatiha kampjun tan-nifs u li hu seta' jirrifjuta li jatihulhom u li, fin-nuqqas li jatihulhom, xorta kien ikun hati ta' reat u setghu jittiehdu passi kontra tieghu gol-Qorti. Hu xorta wahjda rrifjuta li jsirlu dat-test. L-ispettur ziedet tghid li r-rizultat johrog dak il-hin stess wara xi sekondi mill-apparat innifsu . L-appellant ma kienx taha raguni ghala ma riedx li jaghti l-kampjun. Semmiet ukoll li l-ligi kienet imbidlet recentement bl-Avviz Legali 418/2004.**

**Ikkonsidrat;**

Illi l-Ewwel aggravju hu li l-Ewwel Qorti ma ddistingwietx bejn liema test l-appellant irrifjuta li jaghmel u cioe' jekk hux dak tat-triq , ir-*roadside test* , jew dak tal-laboratorju. Issa bil-verbal fuq imsemmi d-difiza kkoncediet li bhala

fatt hu kien irrifjuta kemm li jaghmel test tan-nifs a tempo vergine meta nqabad fit-triq kif ukoll sussegwentement fid-Depot. Inoltre bil-fatt li fis-sentenza appellata gie kwotat l-artikolu 15E , il-Qorti jidher li sabet htija kontemplata fis-subartikolu (4) tal-istess artikolu li jghid li persuna li tirrifjuta jew tonqos milli taghti kampjun kif mahsub taht dak l-artikolu tkun hatja ta' reat . U l-istess artikolu fis-subartikolu (1) (a) jiddisponi li ufficjal tal-Pulizija jista' jehtieg li dik il-persuna taghti zewg kampjuni tan-nifs ghall-analizi permezz ta' strument approvat b'ordni tal-Ministru li jigi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern.
**Ghalhekk mill-artikolu ccitat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata , jidher car li hi ddistingwiet bejn ir-rifjuti tal-appellant , tant li sabitu hati tat-tieni rifjut u cioe' dak li sar id-Depot u li hu kontemplat fl-artikolu 15E (4) . Ghalhekk dan l-aggravju jidher infondat.**

Dwar it-tieni aggravju jirrizulta ammess bil-verbal fuq imsemmi li l-appellant irrifjujta li jaghti dan il-kampjun , u dan indipendentement mix-xhieda tal-Ispettur Marisa Camilleri . Ghalhekk il-fatt jekk din kellhiex jew ma kellhiex tithalla tixhed fil-process , illum hu sorpassat bl-imsemmi verbal u ergo din il-Qorti ma thossx li ghandha ghalfejn tippronunzja ruha dwar jekk l-Ewwel Qorti kienetx korretta jew le meta, wara li kienet impediet (tajjeb jew hazin) li din ix-xhud li tixhed fis-seduta tat-13 ta' Gunju, 2003 (Fol. 9) umbaghad hallietha tixhed fl-udjenza tas-17 ta' Settembru, 2004 (fol. 14). Jigi osservat biss ghal kull buon fini li l-appellant ma kien irregistra ebda oppozizzjoni fl-ahhar udjenza ghax-xhieda tal-Ispettur Camilleri w dan jimplika li l-ewwel Qorti kienet qed tirrevoka l-ordni originali taghha w li l-appellant kien tacitament qed jakkwijexxi ghal dan. Ghalhekk f' kull kaz ma jistax jobbjetta ghal din ix-xhieda f' dan l-istadju .

Fit-tieni aggravju tieghu l-appellant qed jilmenta mill-fatt li l-kampjun ma setax jintalab fid-depot tal-Pulizija , li l-analizi ma kellhiex issir fid-Depot u li din trid issir minn espert u mhux mill-Ispettur Camilleri li mhux espert fil-materja. Ghalhekk jikkontendi li hu kellu kull dritt li jirrifjuta li jaghti l-kampjun tan-nifs minnu mitlub.

**Illi jidher li l-Avviz Legali 418 tas-sena 2004 li ghalih saret riferenza mill-Ispettur Camilleri mhux applikabbli ghal kaz odjern stante li dan gara fit-30 t' April, 2003 u qabel ma dahal in vigore dan l-Avviz Legali . Kien ghalhekk ghadu applikabbli l-Avviz Legali 366/2002 li emenda l-Avviz Legali 129 tas-sena 1998.**

**Illi fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza u** "Il-Pulizija vs. Julian Sciberras**" [13.3.2001] kien gie deciz li r-reat kontemplat taht is-subinciz (4) tal-artikolu 15E jikkonfigura ruhu biss meta dak li jkun jirrifjuta li jaghti iz-zewg kampjuni tan-nifs fid-Depot wara li jkun ittiehed hemm ghax aktar qabel ikun ukoll irrifjuta li jaghti l-kampjun fit-triq lil Pulizija. Dan ghaliex ghar-rifjut originali hemm biss ir-rimedju tal-arrest ta' dak li jkun u dan minnu nnifsu ma jammontax ghal reat per se.**

**Issa ghalkemm skond l-artikolu 15E (3) (a) kampjuni tan-nifs jistghu jinhtiegu li jinghataw fi jew hdejn il-post fejn issir it-talba ghalihom , jew f' ghassa tal-Pulizija , jew fic-centru tas-sahha jew sptar u hija <u>l-analisi</u> ta' xi kampjun li skond is-subartikolu (5) ghandu jsir f'laboratorju li jigi approvat b' ordni tal-Ministru li jigi pubblikat fil-gazzetta, fis-sentenza ta' din il-Qorti : "**Il-Pulizija vs. Etienne Turner" **[6.6.2003] gie ritenut li :-**

***"Huwa veru li l-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 15E <u>donnhom jaghmlu distinzjoni</u> bejn il-kampjun tan-nifs (fejn jissemma espressament <u>l-istrument</u> li bih dawn il-kampjuni ghandhom jigu analizzati) u l-kampjun tad-demm u z-zewg kampjuni tal-urina (fejn jinghad li dawn ghandhom jigu analizzati …fil-laboratorju…") . Pero' jekk wiehed jara l-Avviz Legali relattiv , ir-regolamenti jissejhu proprju "Regolamenti dwar Strumenti u Laboratorji ghat-Testijiet <u>tan-Nifs</u>" (sottolinear tal-Qorti) . Apparti li dawn ir-Regolamenti kellhom proprjament jirriferu ghall-"analizi" u mhux "testijiet" , l-emfasi kjarament qeghda fuq "in-nifs" u ghalhekk kwalsiasi dubbju li seta' kien hemm dwar jekk l-analizi taz-zewg kampjuni***

***tan-nifs ghandhiex issir <u>ukoll</u> fil-laboratorju approvat mill-Ministru tnehha mill-istess legislatur. Konsegwentement l-analizi maghmula mill-Ispettur Camilleri f' dan il-kaz ma saritx skond il-ligi ghax ma saritx fil-post <u>stabilit</u> mill-ligi."***

**Il-Qorti kienet osservat ukoll li skond l-Avviz Legali 366/2002 fuq imsemmi, l-analizi riedet issir fil-Laboratorju Nazzjonali ta' Malta , Evans Buildings, Triq Merkanti , Valletta.**

**Ovvjament meta gara il-kaz odjern kienet ghadha ma nghatatx is-sentenza ta'** Etienne Turner **u ghalhekk il-Pulizija kienet ghadha qed tikkonduci t-tests fid-Depot li ma kienx post stabilit mil-ligi**

**Illum il-pozizzjoni hija differenti ghaliex skond ir-Regolament 4(1) tar-Regolamenti ta' l-2004 dwar Testijiet tan-Nifs (Strumenti u Laboratorji) , il-post fejn ikun jinsab l-istrument ossia il-Lion Intoxilyzer 6000-220/240 volts, intiz biex fuqu jsir l-analizi taz-zewg kampjuni tan-nifs skond l-artikolu 15E(1)(a), ghandu ghall-finijiet ta' l-artikolu 15E(5) ta' l-Ordinanza , ikun konsidrat bhala laboratorju. Hija** biss **l-analizi ta' kampjuni tad-demm u/jew tal-urina skond id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 15E(1)(b) li ghandha ssir fil-laboratorji stabiliti fit-Tielet Skeda, ossia il-Malta National Laboratory , Evans Buildings , Merchants Street, Valletta.**

**Izda il-pozizzjoni skond l-interpretazzjoni moghtija minn din il-Qorti fis-sentenza ta' Turner kienet dik li kienet torbot fiz-zmien l-incident de quo u ghalhekk il-kampjun li kellu jittiehed u t-test li suppost kellu jsir, kieku ittiehdu l-kampjuni tan-nifs suppost li ttiehdu w saru fin-National Laboratory .**

**L-appellant allura jargumenta li hu kellu kull dritt li jirrifjuta li jaghti l-kampjuni tan-nifs id-Depot kif gie mitlub li jaghmel mill-Ispettur Marisa Camilleri w konsegwentement ma jistax jinstab hati tar-reat indikat fil-hames imputazzjoni.**

**Fin-nota taghha il-Prosekuzzjoni pero' tissottometti li dan ir-rifjut tal-appellant ghandu jigi ekwiparat mar-reat kontravvenzjonali ta' min ma jobdix l-ordni legittimu ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku , kontemplat fl-artikolu 388(ee) (Recte 338(ee) ) u tghid li l-ordni legittimu moghti mill-Pulizija jew mill-awtorita' ghandu dejjem jigi obdut u bla dewmien , salv id-dritt li wiehed jirreklama wara dwar il-gustizzja ntrinsika ta' dan l-ordni. Jiccita diversi sentenzi in sostenn ta' dan il-punt u jkompli jzid li fis-sentenza** "Il-Pulizija vs. Julian Sciberras" **fuq citata, kien intqal li r-rifjut li jigi obdut ordni biex jinghata kampjun tan-nifs ghat-test tan-nifs jammonta ghar-reat minuri kontravvenzjonali izda kompriz u involut fir-reat kontemplat fl-artikolu 15E(4) tal-Kap.65 u cioe' li wiehed jonqos li jobdi ordni legittima tal-pulizija bi ksur tal-artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali .**

Illi pero' din il-Qorti ma tarax li l-gurisprudenza applikabbli ghall-interpretazzjoni tal-elementi tar-reat kontravvenzjonali taht l-artiklu 338(ee) ghandha tapplika ghar-reat delittwuz krejat bil-ligi specjali tal-Kap.65 u kontemplat fl-artikolu 15E(4) u punibbli, fil-kaz tal-ewwel kundanna, b'multa ta' mhux inqas minn mitejn lira jew prigunerija ghal mhux izjed minn tlitt xhur jew ghal dik il-multa w prigunerija flimkien u , fil-kaz tat-tieni kundanna jew ta' kull kundanna ohra warajha, addirittura b'multa ta' mhux inqas minn hames mitt lira izda mhux izjed minn elf lira jew prigunerija ghal mhux izjed minn sitt xhur jew ghal dik il-multa u prigunerija flimkien u dan skond l-artikolu 15H tal-Kap.65.

**Fi kliem iehor, jekk ir-rikjesta jew l-ordni li nghat lill-imputat kienet wahda illegali w illegittima, ma kienx tenut li jissubixxi ghaliha b'mod li jekk ma jissubix ghaliha, ikun hati ta' delitt u passibbli ghall-pieni ferm oghla minn dawk kontravvenzjonali kif fuq intqal bl-analogija li qed jaghmel l-gharef prosekutur . Dak li jista' jkun applikabbli ghall-kontravvenzjoni taht l-artikolu 338(ee) ma jistax jiggebbed u jigi stirakkjat b'**

**mod li f' kaz simili dak li jkun irid l-ewwel jissubixxi ghal ghoti ta' kampjuni tan-nifs u test illegali umbaghad jilmenta w jikkontesta wara.**

**Finalment il-Qorti tosserva li meta din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza** "Il-Pulizija vs. Julian Sciberras" **fuq imsemmija rriteniet li dak li kien ghamel l-appellant kien jammonta ghal reat minuri w kontravvenzjonali , izda kompriz u involut fit-tieni imputazzjoni , ma kienetx qed tirriferi ghar-reat kontemplat fl-artikolu 15E (1) (a) u (4) , imma ghar-rifjut ta' dak l-appellant li jaghti kampjun lill-ufficjal tal-Pulizija fuq il-post tal-kollizzjoni w cioe' fl-eventwalita' kontemplata fl-artikolu 15C tal-Kap.65, mentri hawn si tratta tar-rifjut punibbli bhala reat skond l-artikolu 15E(4) . Ghalhekk lanqas hu l-kaz li din il-Qorti tirriskontra htija taht ir-reat kontravvenzjonali skond l-artikolu 338(ee).**

**Illi umbaghad kif gie ritenut fl-Appell Kriminali** "Il-Pulizija vs. Gerald Debattista**" [22.6.1993] :-**

"Il-kuncett tal-ordni pubbliku u d-dover tac-cittadin illi jobdi l-ordnijiet moghtija lilu mill-Pulizija huwa cirkoskritt fis-sens li dawk l-ordnijiet , il-ligi stess tirrikjedi li jkunu legittimi…."

**U l-Qorti ziedet tghid li :-**

"L-ordni …kienet mhux biss wahda inkonsulta imma mhux legittima u ghalhekk l-imputat kellu dritt  ma jobdihiex."

**Ghalhekk taht kull aspett it-tielet aggravju tal-appellant jidher gustifikat u qed jigi milqugh ;**

**Ir-raba u l-hames aggravji huma bazati biss fuq l-ipotesi ta' x' kien jigri kieku l-appellant ma rrifjutax li jaghti l-kampjuni tan-nifs u ghalhekk bhala possibiltajiet ipotetici ma jidhirx li hu l-kaz li din il-Qorti tohodhom in konsiderazzjoni , anki in vista tal-konkluzzjoni appena raggunta dwar it-tielet aggravju tal-appellant .**

**Illi ghar-rigward tal-piena , hu ovvju li l-multa ta' LM200 li l-appellant gie kundannat ghaliha ghas-sejbien ta' htija taht il-hames imputazzjoni ma tkunx aktar applikabbli , pero' il-multa ta' LM50 imposta ghar-reat ta' sewqan perikoluz li jassorbixxi ir-reati taht it-tieni u t-tielet imputazzjoni , kif ukoll il-periodu ta' tlitt xhur skwalifika tal-appellant milli jkollu licenzji tas-sewqan (li hu l-periodu minimu preskritt ghar-reat ta' sewqan b'mod perikoluz skond l-artikolu 15(2) tal-Kap.65), ghandhom jibqghu jsehhu .**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel, it-tieni w t-tielet imputazzjoni w mhux hati tar-raba imputazzjoni w in kwantu kkundannatu ghal multa ta' hamsin lira Maltin (LM50) u ordnat is-sospensjoni tal-licenzji tas-sewqan tieghu ghal zmien tlitt xhur , u tirrevokaha in kwantu sabitu hati tal-hames imputazzjoni w kkundannatu ghall-multa ta' mitrejn lira Maltin (LM200) u minflok tilliberah minnha w minn din il-piena relattiva.**

**It-terminu tas-sospensjoni jibda' ghaddej mil-lum f' nofs il-lejl .**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------